ŻEBBUĠ

**MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN Nru. 42/2013**
***Kienet addottata Aġenda nru. 37/2013***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tnejn, 22 ta' Lulju 2013**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Emmanuel Debono – Viċi Chairperson**
- **Is-Sur Victor Refalo – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Is-Sur George Sacco u s-Sindku s-Sur Nicky Saliba kienu skużati.

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Marija Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 41/2013 U LAQGĦA URĠENTI TAL-15 TA' LULJU 2013

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 41/2013 u tal-Laqgħa Urġenti tal-15 ta' Lulju 2013 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 41/2013 U LAQGĦA URĠENTI TAL-15 TA' LULJU 2013

Ma tqajjmux punti mill-Minuti bin-nru. 41/2013 u mill-Laqgħa Urġenti tal-15 ta' Lulju 2013.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Ittra li pprepara l-Av. Scerri biex tintbagħat għan-nom tal-Kumitat Amministrattiv lis-Sinj. Maria Homoki dwar il-permess tal-Kunsill biex tarma *bouncy castle* fil-Menqa. Kien miftiehem li l-ittra tintbagħat lis-Sinj. Homoki.

Artiklu li deher fil-ġurnal l-Orizzont bit-titlu ''Investiment ta' €1 miljun li sfuma fix-xejn – tpoġġew bandli ta' ġewwa fuq barra''.

Ittra mibgħuta mill-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill għal permess ta' żvilupp biex jinbena ċentru ċiviku f' Marsalforn. Il-Kumitat approva l-ħlas tad-drittijiet dovuta lill-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar €3,433.30.

| | **Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn** |
|---|---|---|
| (i) | Anthony Camilleri – Malta Jaguar Enthusiasts Club<br>Biex jagħmel wirja ta' karrozzi nhar id-9 ta' Awwissu '13 fi Triq il-Port. | Approvata. |
| (ii) | Therese Attard<br>Biex torganizza *car boot sales* b' risq Arka nhar il-15 ta' Settembru, 13 ta' Ottubru, 10 ta' Novembru u 8 ta' Diċembru '13 fil-*car park*. | Ma kienx hemm oġġezzjonijiet. |
| (iii) | Leġjun ta' Marija<br>Għal manifestazzjoni marjana nhar is-27 ta' Awwissu '13 fi Triq il-Wied. | Ma kienx hemm oġġezzjonijiet. |

| | | |
|---|---|---|
| (iv) | Dr Katya De Giovanni – Ordni ta San Lażżru Għal attivitajiet ta' *fund raising* mis-16 sat-18 ta' Awwissu '13 f' Marsalforn. | Approvata. |
| (v) | Gary Doyle – Glass Box Bar Applikazzjonijiet għal tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet u ta' attivita' – Band nhar il-11 u t-18 ta' Awwissu '13 f' Misraħ M' Anġ Refalo. | Approvata. |

## 5. SEJĦA GĦALL-OFFERTI

**PROVVEDIMENT U INSTALLAZZJONI TA' POĠĠAMAN TAL-ĦADID *HOT-DIPPED* GALVANIZZAT JEW *STAINLESS STEEL* FI TRIQ SANTA MARIJA U TRIQ IL-QBAJJAR**

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat ir-rapport tal-Perit dwar l-offerti mitfugħa għal provvediment u installazzjoni ta' poġġaman tal-ħadid *hot-dipped* galvanizzat jew *stainless steel* fi Triq Santa Marija u Triq il-Qbajjar.

Il-Kumitat qabel jekk il-proġett ikun finanzjat mill-UIF, ir-*railing* isir tal-i*stainless steel*, jekk mill-fondi tiegħu jsir tal-ħadid galvanizzat.

## 6. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

**Ilment KAM 26/2013 – is-Sinjura Maryann Fenech**
Biex jitnaddaf mill-ġebel il-Banju tal-Isqof u jsir taraġ u ħadid biex jintuża bħala *swimming pool*.

**Ilment 27/2013 – il-Viċi Chairperson is-Sur Noel Debono**
Isir trasferiment ta' brazz fi Triq il-Munġbell biex tiddawwal il-parti ta' ġewwa tat-triq li tiġi taħt Triq ix-Xagħra. Il-Kumitat approva li jsir *lamp-post* bi globu wieħed u jsir *lamp-post* ieħor fuq ġewwa ta' Triq il-Plejju mal-ġenb ta' Three Hills Garden.

**Ilment 28/2013 – is-Sur Keith Vella Muskat**
Isiru *double yellow lines* fuq kull naħa ta' żewġ garaxxijiet fi Triq Għar Qawqla. Ser jgħaddi t-talba lil Transport Malta.

**Ilment 29/2013 – il-Viċi Sindku s-Sur Mario Cassar**
Issir konsultazzjoni mal-*hawkers* kollha ta' Marsalforn u mal-awtoritajiet konċernati biex jiġu esplorati possibbilitajiet dwar kif il-Kunsill Lokali flimkien mal-Kumitat Amministrattiv ikun jista' jirregolarizza s-sitwazzjoni tal-istess *hawkers* waqt li jorganizza u jimmoniterja l-ispazji wżati minnhom. Intqal li dan huwa xogħol il-pulizija.

Tkun installata sistema uwsa ta' Wifi modern u veloċi li tkopri l-istabbilimenti kollha tal-Menqa u ta' Triq il-Port. Intqal li kull stabbiliment għandu dan is-servizz. Jinbidel il-kulur tal-bozoz l-antiki tal-*front* biex ikun jaqbel mad-dawl tal-fanali l-ġodda li minħabba l-bozoz sofor qed jitilfu l-effett sabiħ tagħhom.

**Ilment 30/2013 – is-Sinjura Gracie Calleja**
Ilmentat li jżomm l-ilma quddiem ir-residenza 36, Triq il-Qbajjar. Iċ-Chairperson qalet l-ilment ikun solvut meta t-triq tinkesa bit-tarmak.

**Ilment 31/2013 – is-Sur Sam Sultana**
Jitpoġġa *skip on wheels* fi Triq Santa Marija faċċata ta' Triq Mieġel il-Baħar. Talba rifjutata.

**Ilment 32/2013 – is-Sinjura Juliana Tabone**
Jitwaħħlu tabelli juru 'No Bicycles' fil-ħinijiet meta Triq il-Port tkun magħluqa għat-traffiku – qed isuqu r-roti b' veloċita' eċċessiva. Refalo ppropona u l-Kumitat qabel li ngħaddu l-ilment ta' sewqan eċċessiv bir-roti lill-Pulizija.

**Ilment 33/2013 – is-Sur David Smith**
Jitpoġġew żewġ *skips on wheels*, *skip* fi Triq is-Salini u ieħor maġenb il-latrina tal-*promenade* tal-Qbajjar. Talba rifjutata.

**Ilment 34/2013 – is-Sinjura Tita Tabone**
Jerġa' jinżebagħ ir-*reserved parking bay* tas-Sur Anton Tabone fi Triq l-Isqof Pace. Talba rifjutata.
Il-Kumitat iddeċieda li *reserved parking bay* għall-persuni b' diżabilita' fi Triq Ulisse isir *communal bay*.

**Ilment 35/2013 – is-Sur Wiġi Vella**
Talab biex titwaħħal lampa ġdida ma' arblu tal-Enemalta fi Triq ir-Rabat kantuniera ma' triq li tagħti għal ġol-Wied tal-Kittien. Talba rifjutata.

**Ilment 36/2013 – is- Sur Victor Refalo**
Jitneħħa r-*reserved parking bay* ta' quddiem ir-residenza 72, Triq id-Duluri (għal min kien sar, m' għadux jgħix hemm). Dan ir-*reserved bay* ser jitneħħa.

**Ilment 37/2013 – is-Sinjura Concetta Custo'**
Talbet biex isir 1.5m *keep clear bay* quddiem ir-residenza San Gaetano Flts, Triq Santa Marija. Talba approvata – ser ngħaddu t-talba lil Transport Malta.

**Ilment 38/2013 – is-Sinjura Maria Scicluna**
Isir *communal reserved parking bay* għall-persuni b' diżabilita' fi Triq ix-Xagħra. Il-Kumitat iddeċieda li jagħmel *bay* quddiem St Paul Crt, Triq ix-Xagħra – ser ngħaddu t-talba lil Transport Malta.

**Ilment 39/2013 – il-Viċi Chairperson is-Sur Noel Debono**
Ippropona li jsiru dawn iż-żewġ tabelli:

(i) 'No Swimming' mal-*breakwater* tal-Menqa

(ii) ‘Boat hauling apparatus. Caution when red light is on’ u ssir bozza ta’ kulur aħmar mal-*winch* ta’ quddiem Smugglers Restaurant.

Il-Kumitat approva li jsiru dawn it-tabelli.

**Ilment 40/2013 – is-Sur Ġużepp Attard**
Talab biex jinqalgħu kanni minn mal-bankina ta’ Il-Plajja Guesthouse, Triq il-Munġbell. Talba rifjutata.

**Ilment 41/2013 - is-Sur Joseph Zammit, membru tal-Kumitat**
Biex isiru *double lines* fi Triq tan-Naħla kantuniera ma’ Triq il-Qbajjar u fuq kull naħa tal-garaxx ta’ Hamlet Court, Triq tan-Naħla. Il-Kumitat approva dawn is-sinjali tat-traffiku.

**Ilment 43/2013 – is-Sur Anthony Camilleri**
Talab biex jinqala’ *litterbin* minn ġo nofs l-*encroachment* ta’ Pennellu Restaurant. Il-Kumitat ftiehem li l-*litterbin* jitpoġġa faċċata ta’ Ekxa Kiosk.

**Ilment 44/2013 – Persuna Anonima**
Ilmenta li l-operaturi tal-istabbilimenti ta’ Triq il-Port qed jaħslu l-*promenade* u l-ilma maħmuġ jitfgħuh il-baħar. Ser ngħaddu l-ilment lis-Sanita’.

**Ilment 45/2013 – is-Sinjura Isabel Formosa**
Talbet biex jiżdiedu r-*reserved parking bays* għall-persuni b’ diżabilita’ f’ Marsalforn. Il-Kumitat iddeċieda r-*reserved parking bay* ta’ bejn il-*bay* tal-Maġistrat u l-*loading/unloading bay* fi Triq il-Wied isir *communal bay*.

## 7. MATERJA OĦRA

Il-Kumitat approva:

(i) il-bdil ta’ għotien tat-*toilets* (għotien suwed), il-vitijiet u t-tubijiet tad-dawl tal-latrini ta’ Marsalforn.
(ii) il-lampi kollha jingħataw numru – isiru tal-*perspex.*
(iii) Triq il-Port u l-Menqa jibqgħu magħluqa għat-traffiku sas-1.00 ta’ filgħodu.
(iv) tiswija tal-bankina rappurtata minn Cordina fi Triq ix-Xagħra.
(v) erba’ *sulo litterbins* għall-*belvedere* ta’ Triq il-Wied.
(vi) ħarġa għal fuq il-*bumping cars* għat-tfal ta’ Marsalforn.
(vii) tiswija ta’ konok fi Triq il-Port u f’ Misraħ M’ Anġ Refalo.

Ġie deċiż li jsir rapport dwar il-bankina ta’ quddiem il-Bo Jungles, Triq ix-Xagħra li kienet konvertita fi ġnien u siġra mħawwla ġo bankina fi Triq l-Isqof Pace.

## 9. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fit-8.30 ta’ filgħaxija u l-Kumitat Amministrattiv aġġorna *sine die.*

**Marija Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***